**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel) u arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, id-Direttiva 2011/83/UE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE**

*COM(2013) 512 final – 2013/0246 (COD)*

(2014/C 170/12)

Relatur Ġenerali: **is-Sinjura DARMANIN**

Nhar is-6 ta' Settembru 2013 u nhar l-10 ta' Settembru 2013, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel) u arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, id-Direttiva 2011/83/UE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE*

COM(2013) 512 final– 2013/0246 (COD).

Nhar it-12 ta' Novembru 2013, il-Bureau tal-Kumitat ta istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-494 Sessjoni Plenarja tiegħu tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2013 (seduta tal-11 ta' Diċembru) li jaħtar lis-Sinjura Darmanin bħala relatur ġenerali, u adotta din l-Opinjoni b' 96 vot favur, vot kontra u 3 astensjonijiet.

## 1. Rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Proposta għal Direttiva dwar il-vjaġġi kollox kompriż u arranġamenti tal-ivvjaġar assistiti. Huwa jagħraf li l-ambitu u d-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva jiffurmaw element prinċipali tal-proposta u għalhekk jirrakkomanda li:

— l-ivjaġġar fuq xogħol jew taħlita ta' xogħol u divertiment li ma jinxtarax f'kuntratt qafas u li jikkostitwixxi vjaġġ kollox kompriż jew arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti jaqa' b'mod ċar taħt l-ambitu ta' din il-proposta;

— l-organizzaturi tal-vjaġġi okkażjonali għandhom jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva wkoll sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd u ħarsien adegwat tal-konsumatur. Għalhekk it-tneħħija ta' "pakketti organizzati b'mod okkażjonali" mill-premessa 19 tal-Proposta;

— il-vjaġġi kollox kompriż u l-arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti li jkopru inqas minn 24 siegħa għandhom jiddaħħlu fl-ambitu tal-proposta. Billi ż-żmien kopert huwa limitat, ir-riskju għan-negozjant huwa inqas filwaqt li l-konsumaturi jistgħu jiffaċċjaw l-istess problemi bħal f'pakketti oħra. Barra minn hekk, f'ċerti pajjiżi dan il-limitu ma jeżistix;

— id-dettalji ta' prenotazzjoni kif imsemmija fid-definizzjoni tal-arranġament tal-ivvjaġġar assistit (Artikolu 3(2)(v)) għandhom ikunu kwalunkwe dettalji tal-klijent li qed jiġi trasferit u mhux biss informazzjoni tal-kard ta' kreditu, skont il-premessa 18 tal-Proposta;

— l-aħħar sentenza ta' Artikolu 3(2)(b)(v) "mhux aktar tard minn meta l-prenotazzjoni tal-ewwel servizz hija kkonfermata" għandha titħassar billi referenza għal żmien speċifiku hija problematika u toħloq konfużjoni;

— ir-referenzi għall-"istess" proċess ta' prenotazzjoni jew prenotazzjonijiet "separati" f'Artikoli 3(2)9b)(1) u 3(5)(a) rispettivament għandhom jitħassru.

1.2 Il-KESE jappoġġja l-pass favur iktar trasparenza. Madanakollu l-metodoloġija ta' trasparenza bħal din għandha tkun ċara u prattika għal referenza faċli u m'għandhiex titħalla għal kollox f'idejn il-bejjiegħ bl-imnut.

1.3 Il-KESE jappoġġja d-disseminazzjoni tal-informazzjoni b'mezzi diġitali iżda jirrimarka li għad hemm numru ta' konsumaturi Ewropej li m'għandhomx din il-faċilità, jew minħabba għażla jew minħabba aċċess limitat, u li m'għandhiex issir diskriminazzjoni kontrihom f'dak li jirrigwarda aċċess għall-informazzjoni dwar il-vjaġġi kollox kompriż tagħhom jew l-aġġornament ta' din l-informazzjoni.

1.4 Il-KESE jirrakkomanda li jiġu definiti aħjar tariffi "raġonevoli" għall-kanċellazzjoni u jenfasizza li kumpens ta' EUR 100 mhux biżżejjed u jnaqqas mid-drittijiet attwali tal-konsumatur.

1.5 Il-KESE jemmen li huwa possibbli li tiġi emendata d-Direttiva 90/314/KEE billi tiġi adattata għal teknoloġiji ġodda mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur.

## 2. **Kuntest**

2.1 Id-Direttiva dwar il-vjaġġi kollox kompriż u arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti hija aġġornament tad-Direttiva dwar il-Vjaġġi Kollox Inkluż tal-1990, li ilu mistenni ħafna. Din id-Direttiva aġġornata tiġbor fiha l-mezzi diġitali ġodda bħala strument li jgħin lill-konsumaturi biex jibbukkjaw il-vaganzi tagħhom u telimina xi elementi skaduti.

2.2 Il-Kummissjoni bdiet il-ħidma tagħha fuq ir-reviżjoni ta' din id-Direttiva fl-2007 permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt, proċess ta' konsultazzjoni u laqgħat speċifiċi mal-partijiet interessati.

## 3. **Definizzjoni**

3.1 Element prinċipali tad-Direttiva aġġornata huwa l-ambitu tagħha u d-definizzjonijiet li tipprovdi. L-ambitu jkopri firxa usa' ta' vjaġġar u jinkludi:

— vjaġġi kollox kompriż imħejjija minn qabel, offruti minn bejjiegħ bl-imnut jew online;

— il-kategorija l-ġdida ta' vjaġġi kollox kompriż personalizzati offruti minn bejjiegħ bl-imnut jew online;

— arranġamenti tal-ivvjaġġar personalizzati oħra (arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti) fejn bejjiegħ bl-imnut jew servizz tal-ivvjaġġar online jaġixxi ta' intermedjatur.

3.2 L-ambitu tad-Direttiva ma jkoprix arranġamenti tal-ivvjaġġar indipendenti jew arranġamenti tal-ivjaġġar fuq xogħol. L-oqsma li d-Direttiva teskludi huma definiti f'Artikolu 2. F'dan ir-rigward il-KESE jenfasizza li l-esklużjoni taħt Artikolu 2 (2)(c) m'għandha bl-ebda mod tolqot l-intraprenditur jew wieħed mill-impjegati tiegħu li jieħu bħala xogħol l-arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti, jew l-ivvjaġġar kollox kompriż, jew taħlita ta' xogħol u divertiment li ma jaqgħux taħt kuntratt qafas. Għalhekk kull ma hu relatat ma' vjaġġar bħal dan għandu jaqa' taħt id-definizzjoni ta' vjaġġi kollox kompriż u/jew arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti.

3.3 Din id-definizzjoni ġdida tiżgura li l-vjaġġi kollox kompriż ifissru iktar minn sempliċiment vjaġġi kollox kompriż tradizzjonali iżda jinkludu wkoll tendenzi moderni fl-ivvjaġġar u b'hekk tkopri 23 % aktar minn dawk li jorganizzaw il-vaganzi. Id-Direttiva l-ġdida mistennija tkopri kważi nofs dawk li jorganizzaw il-vaganzi (46 %) ([1]). Filwaqt li 7 minn 10 pakketti ta' vjaġġi kollox kompriż jinxtraw mingħand aġent tal-ivvjaġġar minn post tal-bejgħ, numru ta' konsumaturi jixtru pakketti tradizzjonali online, u l-użu tal-internet qed jiżdied ukoll għal pakketti tal-ivvjaġġar personalizzati ([2]).

3.4 Il-KESE jilqa' din id-definizzjoni ġdida u iktar wiesgħa tal-vjaġġi kollox kompriż li tindirizza kwistjonijiet relatati ma' pakketti ta' vjaġġi personalizzati li ma kinux koperti mid-Direttiva tal-1990 minkejja l-fatt li konsumaturi ġeneralment kienu taħt l-impressjoni li huma koperti. Fil-fehma tal-KESE l-vjaġġi kollox kompriż mhux neċessarjament jinkludu trasport u akkomodazzjoni: minflok dawn ikunu fihom minn tal-inqas żewġ komponenti differenti, jiġifieri kiri ta' karozzi jew eskursjonijiet, trasport, akkomodazzjoni, attivitajiet sportivi jew kwalunkwe komponent li jagħmel parti minn vaganza.

3.5 Id-definizzjoni tal-vjaġġi kollox kompriż taħt Artikolu 3(2) tiddefinixxi firxa wiesgħa ta' aspetti tal-ivjaġġar kollox kompriż. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon id-definizzjoni iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-"dettalji" stipulati f'punt 2 b(v) ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu kwalunkwe dettalji tal-prenotazzjoni ta' klijent li jiġu trasferiti u mhux biss informazzjoni tal-kard ta' kreditu kif indikat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni (premessa18) tad-Direttiva. Il-KESE għalhekk jirrakkomanda li jitħassru l-aħħar żewġ sentenzi ta' premessa 18. Barra minn hekk il-KESE jisħaq li trasferimenti bħal dawn tad-dettalji m'għandhomx ikunu marbuta ma' mument speċifiku fiż-żmien u għalhekk jirrakkomanda li jitħassar it-test ta' premessa 18 u Artikolu 3(2)b(v) "minn meta l-prenotazzjoni tal-ewwel servizz ikun ikkonfermat".

([1]) Din id-data meħuda mill-valutazzjoni tal-impatt tal-KE SWD(2013) 263 final.
([2]) Stħarriġ tal-BEUC u l-membri tiegħu dwar il-vaganzi u l-ivvjaġġar.

3.6 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-Direttiva għandha tapplika wkoll għal dawk li okkażjonalment jorganizzaw xi vjaġġi kollox kompriż. Ir-reponsabbiltajiet u d-dmirijiet tagħhom għandhom jiġu koperti wkoll. Dan jiżgura li l-konsumatur jitħares irrispettivament minn min ikun qed jorganizza l-vjaġġ, u jiżgura wkoll kundizzjonijiet ugwali għall-organizzaturi tal-pakketti ta' vjaġġi. Għalhekk il-KESE jirrakkomanda li l-frażi "pakketti organizzati b'mod okkażjonali" titħassar mill-premessa 19 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni tad-Direttiva.

3.7 Il-vjaġġi kollox kompriż u l-arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti li jkopru inqas minn 24 siegħa għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tal-proposta. Billi ż-żmien kopert huwa limitat, ir-riskju għan-negozjant huwa inqas filwaqt li l-konsumaturi jistgħu jiffaċċjaw daqstant problemi bħal f'pakketti oħra. Barra minn hekk, f'ċerti pajjiżi dan il-limitu ma jeżistix ([3]).

## 4. **Trasparenza**

4.1 Il-proposta timmira li żżid it-trasparenza għall-konsumaturi u tiżgura li jkunu infurmati dwar it-tip ta' kuntratt li se jiffirmaw u d-drittijiet rispettivi tagħhom. B'hekk jiġu evitati każijiet li diġà seħħew fil-passat fejn il-konsumaturi setgħu ngħataw x'jifhmu li kienu koperti meta ma kinux.

4.2 Il-KESE huwa favur iktar informazzjoni u informazzjoni iktar ċara għall-konsumaturi dwar dak li qed jaqblu miegħu. Madanakollu, minħabba li l-metodoloġija tal-implimentazzjoni titħalla f'idejn il-bejjiegħ bl-imnut, din it-trasparenza hija inqas faċli li titqiegħed fil-prattika milli fil-fatt wieħed jaħseb.

4.3 Ir-responsabbiltà għandha tkun kemm tal-organizzatur kif ukoll tal-bejjiegħ bl-imnut, u mhux tal-organizzatur biss. Il-konsumaturi ħafna drabi jkunu konfużi fir-rigward ta' min hu min fil-katina kuntrattwali u ħafna drabi jidentifikaw il-bejjiegħ bl-imut bħala l-kontroparti kuntrattwali. Barra minn hekk, il-konsumaturi m'għandhomx jitħallew jiddependu mir-rieda tajba tal-bejjiegħ bl-imnut biex jitrasferixxi l-ilmenti tagħhom, għalhekk l-implimentazzjoni tajba ta' Artikolu 31 hija importanti ħafna.

## 5. **Regoli speċjali dwar il-pubblikazzjoni**

5.1 Ir-rekwiżit stabbilit fid-Direttiva 1990 li l-fuljetti jiġu stampati tħassar billi l-internet ġab miegħu era ġdida ta' informazzjoni għall-konsumaturi. It-tneħħija ta' dan ir-rekwiżit tiffranka lill-industrija EUR 390 miljun fis-sena ([4]). Mandanakollu l-proposta l-ġdida xorta għadha titlob li l-konsumatur jingħata l-informazzjoni kollha fil-fażi tal-kuntratt u jiġi infurmat bil-miktub f'każ ta' xi tibdil.

5.2 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-iffrankar li se tagħmel l-industrija u jħeġġeġ li dan jintuża għall-innovazzjoni, l-impjieg u t-tkabbir. Madanakollu l-KESE jemmen li l-konsumaturi li ma jużawx l-internet, minħabba li jagħżlu hekk jew minħabba nuqqas ta' riżorsi, m'għandhomx ikunu żvantaġġati f'termini ta' aċċess għall-informazzjoni korretta.

## 6. **Informazzjoni prekuntrattwali u tibdil fil-kuntratt**

6.1 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li l-informazzjoni prekuntrattwali tingħata f'forma li sservi fit-tul sabiex il-kosumaturi jkunu jistgħu jaqrawha meta jridu.

6.2 Barra minn hekk il-KESE jaċċetta li l-informazzjoni li tingħata lil min ikun se jivjaġġa, kemm qabel il-kuntratt kif ukoll mal-kuntratt, tista' tinbidel iżda l-informazzjoni relatata mal-isem u l-indirizz tal-fornitur hija wisq importanti biex tinbidel, u għalhekk m'għandhiex tkun soġġetta għal bidla.

6.3 Tibdil sinifikanti fil-kuntratt għandu jkun possibbli biss jekk dan ma joħloqx inkonvenjenza għall-passiġġier. Barra minn hekk, li l-konsumatur jaċċetta t-tibdil, għandha tkun proċedura espliċita u mhux taċita kif propost f'Artikolu 9.2 (b).

6.4 Id-dritt tal-organizzatur li jikkanċella l-pakkett jekk in-numru minimu ta' persuni ma jintlaħaqx għandu jitħassar. Minkejja li l-possibbiltà teżisti diġà fid-direttiva attwali din m'għandhiex ġustifikata għax it-teknoloġija issa tippermetti lin-negozjanti li jbassru u jimmaniġġjaw b'mod faċli r-riskji involuti fl-offerti u l-operazzjonijiet tagħhom.

---

([3]) Fl-Ungerija u l-Awstrija, pereżempju, il-vjaġġi ta' inqas minn 24 siegħa huma koperti wkoll. F'ċerti pajjiżi (eż. Spanja) diġà qed tiżdied l-offerta ta' taħlita ta' trasport+ikel+biljetti għal spettakli jew avvenimenti sportivi, is-servizz sħiħ jingħata f'inqas minn 24 siegħa u mingħajr akkomodazzjoni.

([4]) Din id-data hija meħuda mill-valutazzjoni tal-impatt tal-KE SWD(2013) 263 final.

6.5 Il-kuntratti għandhom ikunu fil-lingwa tal-konsumatur.

## 7. **Id-drittijiet ta' kanċellazzjoni**

7.1 Taħt ir-regoli l-ġodda l-konsumaturi għandhom id-dritt li jitrasferixxu l-kuntratt lil persuna terza u anki li jħassru l-kuntratt. Jekk jagħmlu dan ikollhom iħallsu tariffa sostanzjali lill-organizzatur biex ikopri l-ispejjeż li jkun ġarrab.

7.2 Il-KESE jappoġġja l-estensjoni tad-dritt tal-konsumatur li jikkanċella eżatt qabel it-tluq. Madanakollu għandu dubji fir-rigward tal-valur reali ta' tariffa "raġonevoli" f'każ ta' terminazzjoni mill-konsumatur. Din id-Direttiva għandha tistabbilixxi prinċipji ġenerali jew regoli dwar kif jiġi kalkulat il-kumpens li jrid jagħti l-konsumatur. Il-ħlas m'għandux ikun sproporzjonat jew eċċessiv.

7.3 Barra minn hekk il-konsumatur għandu jkollu l-possibiltà li jikkanċella l-kuntratt minħabba raġunijiet mhux previsti u li mhumiex fil-kontroll tiegħu, bħal mard jew mewt fil-familja, mingħajr ma jħallas kumpens, dan b'mod korollarju mad-dritt propost tal-organizzatur li jikkanċella f'każijiet ta' forza maġġuri mingħajr ma jagħti kumpens.

## 8. **Ir-responsabbiltà f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni**

8.1 Il-kumpens ta' massimu ta' EUR 100 u tliet iljieli għal kull vjaġġatur assolutament mhux aċċettabbli għall-KESE. Dan imur kontra r-responsabbiltà ġenerali tal-organizzatur li jagħti s-servizz miftiehem lill-konsumatur. Barra minn hekk huwa kontra l-prinċipju ta' "kumpens sħiħ" għad-danni li huwa prinċipju ġenerali tal-liġi fl-Istati Membri kollha tal-UE. Il-limitu fuq il-prezz m'għandux jiġi applikat qatt għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

8.2 Il-KESE jinnota bi pjaċir li d-Direttiva proposta speċifikament tinkludi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità pereżempju f'Kapitolu 4.

8.3 Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni li l-premessa tad-Direttiva proposta għandha tinkludi referenzi għaċ-ċertifikazzjoni tal-aċċessibbiltà u l-istandardizzazzjoni tagħha għax dan jipprovdi informazzjoni prezzjuża għall-aġent tal-ivvjaġġar.

8.4 Il-KESE jaqbel li l-prinċipju li l-vjaġġaturi jkunu responsabbli li javżaw lill-organizzatur dwar "il-ħtiġijiet partikolari tagħhom (tal-vjaġġaturi) mill-inqas 48 siegħa qabel il-bidu tal-pakkett", ikun japplika wkoll għall-persuni b'diżabilità. Madanakollu l-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ħafna drabi vjaġġatur ikun irid jagħmel dan iżda ma jsibx mod kif jikkomunika mal-organizzatur. Għalhekk huwa importanti li l-metodi għall-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni jkunu ċari għal min qed jivjaġġa (dawn jistgħu, pereżempju, jinkludu parti speċifika fil-formola tal-applikazzjoni online).

## 9. **Sistema ta' rimedju mtejba**

9.1 Ir-rimedju huwa aspett kruċjali tal-ħarsien tal-konsumatur. Sa issa, il-konsumaturi xi drabi kellhom jiffaċċjaw sitwazzjoni fejn il-piż tar-responsabbiltà għadda minn fornitur tas-servizzi għal ieħor u l-konsumatur tħalla f'sitwazzjoni eżasperanti. Il-proposta tenfasizza l-bżonn ta' punt ta' kuntatt uniku f'każ li xi ħaġa tmur ħażin.

9.2 Il-KESE huwa favur is-semplifikazzjoni tar-rimedju għall-konsumaturi billi jkun hemm punt ta' kuntatt wieħed meta jkun hemm problema fil-vjaġġi kollox kompriż personalizzati. Dan il-punt ta' kuntatt uniku għandu jiġi ċċarat mill-bidu tad-diskussjonijiet dwar kuntratt għall-vjjaġġ kollox kompriż.

9.3 Il-konsumaturi għandu jkollhom biżżejjed żmien biex iressqu l-ilment tagħhom u mhux jiġu sfurzati li jagħmlu dan immedjatament, b'dan il-mod ma jiċċaħħdux mid-dritt ta' rimedju wara l-perjodu ta' vjaġġar.

## 10. **Impatt tal-proposta**

10.1 Il-KESE jagħraf l-impatt sinifikati ta' din il-proposta ġdida kemm fuq il-konsumaturi kif ukoll fuq in-negozju. Jeżistu numru ta' benefiċċji għaż-żewġ partijiet hekk kif imsemmi fl-istqarrijiet għall-istampa tal-Kummissjoni dwar is-suġġett.

10.2 Il-proposta riveduta ser iġġib protezzjoni tal-konsumatur msaħħa f'ċerti oqsma u frankar għall-industrija. Minkejja dan, il-KESE għadu mħasseb dwar l-implimentazzjoni adatta tal-informazzjoni li ser tingħadda lill-konsumatur u li ser tneħħi r-responsabbiltajiet tal-industrija.

10.3 Barra minn hekk, minkejja li l-arranġamenti individwali tal-ivvjaġġar mhumiex koperti minn din id-Direttiva m'għandhomx jinvolvu livell inqas ta' protezzjoni tal-konsumatur.

11. **It-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet legali**

11.1 Il-KESE jinnota li hemm problema fir-rigward tal-frammentazzjoni legali tad-drittijiet tal-ivvjaġġar u l-vaganzi u li hemm bżonn ta' approċċ iktar armonizzat. L-ivjaġġar u l-vaganzi mhumiex koperti taħt il-leġislazzjoni tad-drittijiet ġenerali tal-konsumatur u l-anqas mid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur 2011/83. Din l-esklużjoni twassal għal frammentazzjoni u protezzjoni dgħajfa tal-konsumaturi Ewropej huma u jivjaġġaw. Barra minn hekk, filwaqt li l-ivjaġġar individwali huwa kopert b'mod differenti f'Direttivi oħra u jitqies b'mod speċifiku fihom, il-firxa ta' drittijiet differenti miġbura f'dawn id-Direttivi toħloq iktar konfużjoni għal min ikun qed jivvjaġġa.

12. **Insolvenza**

12.1 Il-protezzjoni tal-konsumaturi kontra l-insolvenza kif inkluża f'din il-proposta hija pożittiva, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn il-konsumaturi vulnerabbli jkollhom jippruvaw jiffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' insolvenza waqt il-vaganzi tagħhom. Madanakollu, għandha tiġi żgurata l-kooperazzjoni min-naħa tal-amministrazzjoni, u l-punti ta' kuntatt provduti għandhom joperaw malajr.

13. **Reviżjoni**

13.1 Il-KESE jinnota bi pjaċir li fi żmien 5 snin, il-Kummissjoni timmira li tissottometti lill-Kunsill u lill-Parlament reviżjoni tal-applikazzjoni ta' din il-proposta, u li tagħmel proposti leġislattivi. Il-KESE jenfasizza li din ir-reviżjoni għandha tibda immedjatament malli tidħol fis-seħħ id-Direttiva; dan jiżgura li tkun disponibbli stampa ċara tal-implimentazjoni fil-fażijiet bikrija u li l-proposti leġislattivi ma jkunux jirrikjedu tul ta' żmien twil biex jiġu adottati.

14. **Armonizzazzjoni u relazzjoni mal-liġi kuntrattwali ġenerali**

14.1 L-armonizzazzjoni sħiħa li qed tipproponi l-Kummissjoni m'għandhiex twassal biex jitbaxxa l-livell attwali ta' ħarsien tal-konsumatur. L-Istati Membri għandu jkollhom il-libertà li jżidu mar-regoli tad-Direttiva u jżommu r-regoli li jeżistu fil-livell nazzjonali.

14.2 Il-KESE jenfasizza li s-sistema ta' rimedji speċifiċi fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni jew eżekuzzjoni insuffiċjenti min-naħa tan-negozjant għandha implikazzjonijiet għal-liġi kuntrattwali ġenerali fl-Istati Membri u konsegwentement ir-relazzjoni bejn il-proposta u l-liġi kuntrattwali ġenerali għandha tiġi ċċarata.

15. **Punti oħra**

15.1 Termini vagi fil-proposta tal-Kummissjoni bħal "parti sinifikati" (Artikolu 2(2)(d), perjodu ta' "żmien raġonevoli" (Artikolu 9(2)(b) u "sproporzjonat" (Artikolu 11(2) għandhom jiġu definiti b'mod iktar ċar.

15.2 Punti 2(b)(i) u 5(a) ta' Artikolu 3 huma kontradittorji u għalhekk iridu jiġu ċċarati.

15.3 Il-Kummissjoni għandha tressaq lista indikattiva mhux komprensiva ta' servizzi turistiċi oħra (Artikolu 3(1)(d) flimkien mat-tariffi u l-limiti ta' żmien imsemmija f'Artikolu 10(1) u ċ-ċirkustanzi straordinarji msemmija f'Artikolu 12(3)(iii).

Brussell, 11 ta' Diċembru 2013

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE